16 ta' Marzu, 1949.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Loreto Camilleri *versus* Avv. Dr. George Degiorgio et. ne.

**Żwieġ — Nullità — Domiċilju — Residenza — Kompetenza.**

*Il-kunċett tad-domiċilju huwa legali, mentri dak tar-residenza huwa "di fatto" u materjali; għaliex, mentri fir-residenza jidħlu ċ-ċirkustanzi "di fatto" tad-dimora materjali f'post, fid-domiċilju ma jidħolx biss it-trasport materjali, imma anki l-"animus" tal-bniedem li jabbandona l-post ta' l-oriġini tiegħu sabiex imur joqgħod band'oħra bil-ħsieb li jibqa' hemm — "animus manendi" — liema animu jkun jista' jidher mill-kumpless tal-fatti u ċ-ċirkustanzi.*

*Kull persuna għandha jkollha domiċilju, u għandha d-domiċilju tagħha malli titwieled, li huwa dak ta' l-oriġini, u li ma jista' qatt*

*jiġi abbandunat, imma biss pożitivament sopprjantat favur ta' domiċilju ieħor li jkun id-domiċilju tal-għażla. U l-ebda persuna ma jista' jkollha aktar minn domiċilju wieħed simultaneament.*

*Ir-residenza hija "prima facie" preżunzjoni tad-domiċilju; imma din hija preżunzjoni "juris tantum", li ma tiġix niegsa biss bir-residenza ta' dak li jkun, anki għal żmien twil, f'pajjiż ieħor, anki jekk ikun ittrasferixxa ruħu f'dak il-pajjiż ieħor għaż-żogħol jew kummerċ tiegħu, u anki jekk ikun ittrasferixxa miegħu lill-familja tiegħu; għall-kuntrarju hemm bżonn li jirriżulta minn provi, diretti jew konġetturali, imma preċiżi u konkludenti, li huwa ma għandux l-intenzjoni li jirritorna fid-domiċilju ta' l-oriġini.*

*F'materja ta' nullità ta' żwieġ, id-domiċilju li jiddetermina l-kompetenza ġurisdizzjonali tat-tribunal huwa d-domiċilju tar-raġel.*

*Żwieġ bejn żewġ kattoliċi, jew bejn tnejn min-nies li xi ħadd minnhom ikun kattoliku, huwa null jekk ma jkunx ċelebrat bil-forma preskritta mid-Dritt Kanoniku.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha meħtieġa, peress li hu huwa Malti, mgħammed Malta fil-Knisja Kattolika Rumana u domiċiljat f'dawn il-Gżejjer; u peress li fil-15 ta' Jannar 1938, fid-distrett ta' Greenwich, l-Ingilterra, hu u l-imsemmija Helen Lydia Bertha Claes ikkontraew żwieġ ċivili fir-Reġistri ta' Greenwich, mingħajr osservanza tal-formalitajiet preskritti mill-Liġi Kanonika għal żwieġijiet kattoliċi, li jirrikjedu l-forma taċ-ċelebrazzjoni stabbilita mill-Konċilju ta' Trento anki fejn waħda mill-partijiet kontraenti hija kattolika; u peress li b'sentenza tat-13 ta' Ġunju 1944 mogħtija mill-Qorti tas-"Summary Jurisdiction" tal-Maġistrati ta' Marelebone, hu ġie kundannat li jħallas lill-imsemmija Helen Lydia Claes is-somma ta' tletin xelin (30s.) filġimgħa għaliha u għat-tfal Paul u George, ammont li ġie ridott għal 27s. b'ordni ieħor ta' l-istess Qorti fis-16 ta' April 1945—liema ordnijiet ġew konfermati u reġistrati minn din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Awissu 1948 fuq rikors tal-konvenut Dr. Giuseppe Vella tal-11 ta' Awissu 1948 fit-termini tal-"Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance 1921"; u talab li, previa d-dikjarazzjoni tan-nullità taż-żwieġ, u li dak id-digriet jiddifetta f'element sostanzjali, għax mogħti fuq premessi ineżistenti, nulli u ta' bla effett; (1) jiġi dikjarat u

deċiż illi ż-żwieġ kontratt fir-Reġistru ta' Greenwich, l-Ingilterra, fil-15 ta' Jannar 1938, bejn l-attur u l-konvenuta, skond ċertifikat markat "A" fl-inkartament ta' l-Avukat tal-Fqar, huwa null u ta' bla effett fil-liġi; (2) u jiġi revokat id-digriet mogħti minn dina l-Qorti fit-12 ta' Awissu 1948 fuq rikors talkonvenut Reġistratur Dottor Giuseppe Vella tal-11 ta' Awissu 1948, għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża l-lum jidher li l-istess hija ristretta biss għat-talba tan-nullità taż-żwieġ li sar ċivilment fl-Ingilterra fid-distrett ta' Greenwich bejn Lewis William Camilleri u Helen Lydia Claes fil-15 ta' Jannar 1938, kif jidher middokument "A", u dan għar-raġunijiet esposti fl-istess ċitazzjoni; u dan għaliex it-talbiet l-oħra ġew ritirati;

Illi għalkemm fiċ-ċertifikat taż-żwieġ imsemmi l-attur huwa mniżżel bħala Lewis William Camilleri, miċ-ċertifikat tattwelid tiegħu, li jinsab fil-fol. 33 tal-proċess, huwa fil-fonti kellu l-ismijiet ta' Loreto (Lauretius), Raffaele (Raphael) u Edwardu (Edwardus); imma mhux in kontestazzjoni, kif irriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, li l-persuna msemmija fiċ-ċertifikat taż-żwieġ eżibit huwa l-attur, li assuma dawk l-ismijiet peress li l-Ingilterra dan l-isem ta' Loreto deherlu stramb;

Tikkunsidra;

Illi xi dubju, jingħad qabel xejn, ġie sollevat fuq id-domiċilju ta' l-attur. Infatti jirriżulta li ftit qabel il-gwerra ta' l-aħħar l-attur mar l-Ingilterra, fejn iżżewweġ u għamel id-dar tiegħu, u ħadem, u rritorna hawn Malta f'Mejju 1948, fejn jinsab il-lum. L-istess attur, sabiex jirribatti dina t-teżi, ġieb iddokumenti eżibiti wara n-nota tiegħu tas-26 ta' Jannar 1949; u meta xehed qal li, għalkemm kellu dar l-Ingilterra, huwa kien mar hemm sabiex jillikwida pendenza li kellu, bl-idea li jerġa' lura, u fil-frattemp iltaqa' mal-konvenuta u żżewwiġha, u mbagħad qamet il-gwerra u kellu jservi fil-Forzi Armati; iżda però huwa qatt ma kellu l-idea li jibqa' hemm permanentement;

Tikkunsidra;

Illi skond l-awtoritajiet "in subjecta materia", il-konċett tal-kelma "domiċilju" huwa legali, mentri dak tar-"residen-

za" huwa "di fatto" u materjali (ara Dicey. Conflict of Laws). Infatti, mentri taħt "residenza" jidħlu ċ-ċirkustanzi "di fatto" tad-dimora materjali f'post, fl-espressjoni "domiċilju" ma jidħolx biss it-trasport materjali, imma l-"animus" li jkun irid jippersisti fil-bniedem li jabbandunu l-post ta' l-oriġini sabiex imur joqgħod band'oħra—anima li jkun jista' jidher mill-kumpless tal-fattijiet u ċirkustanzi (ara Vol. VII pag. 139, Prim'Awla Ċivili 23 ta' Ġunju 1874, in re "Francesco Formosa vs. Gio Antonio Caruana", u Law Reports, Vol. XVII, pag. 98, Commercial Court in re "Firmara vs. Newly" 27th. November, 1900);

Illi il-konċett tad-domiċilju skond l-Anglo-Amerikani huwa l-post jew pajjiż li fil-fatt ikun id-dar ("home") permanenti ta' persuna, jew li jkun hekk rigwardat u kkunsidrat mirregola tal-liġi ("rule of law"); u skond id-Dicey, id-dar (home) ta' persuna huwa l-pajjiż (1) li fih fil-fatt jirrisjedi blintenzjoni tar-residenza ("animus manendi"), (2) jew, la jkun fih hekk irrisjeda, huwa jikkontinwa fil-fatt jagħmel ir-residenza tiegħu bla ma tippermani l-intenzjoni tar-residenza (animus manendi). (3) jew li dwaru, billi jkun irrisjeda fih, huwa jirritjeni l-intenzjoni tar-residenza (animus manendi), għalkemm fil-fatt ma jkunx qiegħed jirrisjedi hemm. Minn dan jidher illi l-kelma "residenza" hija ntiża u hija użata sabiex tiddenota l-fatt fiżiku li huwa nkluż fil-kelma "dar" (home), u li l-awtoritajiet amerikani in materja ma jaċċettawx fl-użu ġenerali, il-għaliex jgħidu li hija sinonima mal-kelma "domiċilju", tant skond il-leġislatura kemm skond il-qrati tagħhom. Jingħad ukoll illi d-definizzjoni ta' Dicey hija applikabili biss għall-persuni li jkollhom il-libertà tal-għażla ("freedom of choice");

Illi fil-kwistjoni tad-domiċilju huwa tajjeb li jingħad li r-regoli huma :— 1. La kull persuna jrid ikollha xi domiċilju, u għal dina r-raġuni kull persuna għandha d-domiċilju malli titwieled, li huwa msejjaħ id-domiċilju ta' l-oriġini ("domicil of origin"), li ma jista' qatt jiġi abbandunat, imma biss pożitivament soppjantat favur ta' domiċilju tal-għażla ("domicil of choice") (ara Volum XXVII, Parte II, paġina 350, Kummerċ, 6 ta' Marzu 1928, in re "Coleiro vs. Parnis et".); u 2. l-ebda persuna ma jista' jkollha aktar minn domiċilju wieħed

simultaneament. Hawn ta' min jissottolinea d-differenza bejn "domiċilju" u "residenza", liema l-aħħar fatt materjali jista' jikkoeżisti f'persuna waħda (ara Appell, ricorso Dr. W. L. Grech nomine, 9 ta' Jannar 1928, Volume XXVII. Parte I, pagina 9). Persuna tista' tkun soġġetta, mħabba r-residenza u għal skopi partikulari, għall-ġurisdizzjoni ta' aktar minn liġi waħda, jew għall-ġurisdizzjoni ta' qrati ta' pajjiżi differenti, imma dana l-fatt ma jnissilx miegħu li dik il-persuna hekk soġġetta jkollha simultaneament domiċilju differenti;

Illi huwa risaput kwindi, li jista' jkun hemm tliet perijodi fid-domiċilju, u ċjoè :— 1. Domiċilju ta' l-oriġini; 2. Domiċilju tal-għażla; 3. U domiċilju in forza tal-liġi. U l-istess jiġu determinati kif intqal fuq;

Illi huwa minnu li r-residenza hija "prima facie" prova tad-domiċilju; imma dik il-preżunzjoni hija "juris tantum" biss. Lanqas it-tul ta' żmien dwar residenza waħda ma huwa prova tad-domiċilju. Anki t-tribunali tagħna esprimew ruħhom f'dana s-sens. Infatti l-Qorti ta' l-Appell, in re "Dimech vs. Dimech" tas-16 ta' Jannar 1925, Volum XXVI—I—3, qalet :— "Che, come venne ripetutamente deciso da questi tribunali, in base alle regole di diritto che governano la materia, per dirsi di avere uno cambiato li suo domicilio di origine, non è sufficiente la lunga dimora in paese straniero per motivo di lavoro, anche quando egli avesse portato con sè la sua famiglia, ma è mestieri che risulti con prove dirette o congetturali, ma precise e concludenti, che egli non abbia avuto intenzione di ritornarvi. Finchè non si provi in siffatto modo che l'individuo di cui trattasi abbia fissato un nuovo domicilio con la ferma volontà di stabilirvisi permanentemente, egli deve ritenersi avere serbato il domicilio di origine" (ara wkoll Prima Awla Ċivili 6 ta' Frar 1888 "Cecy vs. Belluti", Vol. XX, paġ. 512; Appell 28 ta' Ġunju 1907 "Rutier utrinque", Vol XX—I—62; u 5 ta' Ottubru 1923 "Warrington vs. Carter");

Tikkunsidra;

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fattijiet u dokumenti fil-kawża tal-lum, dina l-Qorti tħoss li bil-mawra u residenza ta' l-attur l-Ingilterra għaż-żmien li rriżulta, huwa ma weriex dak l-"animus manendi" li huwa rikjest sabiex jin-

għad li huwa abbandunu d-domiċilju tiegħu ta' l-oriġini; u fid-dubju, billi ma jistgħux jikkoeżistu żewġ domiċilji fl-attur, fl-assenza ta' provi ċerti u konkudenti li huwa ifflissa permanentement id-dar tiegħu (home) l-Ingilterra, dina l-istess Qorti tħoss li għandha tippropendi għat-teżi li l-istess attur huwa għall-finijiet kollha tal-liġi domiċiljat f'dawn il-Gżejjer;

Tikkunsidra;

Illi, eluċidata u deċiża l-kwistjoni tad-domiċilju ta' l-attur, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċidi l-kwistjoni tan-nullità taż-żwieġ;

Illi qabel xejn jingħad li skond il-ġurisprudenza ta' dawn il-Gżejjer (ara "Warrigton vs. Carter ne." riformata fl-Appell fit-18 ta' Novembru 1925), id-domiċilju tar-raġel jiddetermina l-kompetenza ġurisdizzjonali tat-tribunal li għandu jieħu konjizzjoni tal-kawżi fuq dikjarazzjonijiet ta' nullità taż-żwieġ, u għal kwalunkwe fini dawk in-normi u konsiderandi huma applikabili għal dana l-każ. Kif intqal fuq, id-domiċilju ta' l-oriġini ma ġiex mitluf jew abbandunat qatt mill-attur, u kwindi l-liġi personali tiegħu għadha tipprevali għas-soluzzjoni tal-kwistjoni "de quo agitur";

Illi skond il-liġi personali ta' l-attur, iż-żwieġ huwa rett mid-Dritt Kanoniku li jimponi ċerta forma "ad substantiam", sabiex iż-żwieġ ikun validu (ara fost oħrajn sentenza ta' dina l-Qorti in re "Giorgio Vincenzo Leprè vs. Avukat Dr. Carmelo Agius nomine", deċiża fil-15 ta' Novembru 1946; Prim'Awla 12 ta' Lulju 1946, "Grech Marguerat vs. Dr. Pullicino ne.", u "Grima vs. Dr. Bubagiar ne."; u Prim'Awla 7 ta' Awissu 1944, "Chapelle vs. Dr. Gauci Maistre nomine"; kif ukoll Debono, Storia della Legislazione in Malta, paġ. 301 u 371);

Illi huwa anki minnu li bein il-kattoliċi, jew bejn parti kattolika u oħra li mhix ta' dik id-denominazzjoni, skond id-dritt u ġurisprudenza lokali preponderanti, iż-żwieġ, biex ikun validu, irid isir bil-forma tad-Dritt Kanoniku, u ċjoè skond il-kanoni 1094 ta' dak l-istess Kodiċi—dak li ma sarx fil-każ in kwistjoni, kif ammetta u ma kkontestax il-kuratur ta' l-imbarrka;

Illi ż-żwieġ li jsir ċivilment biss mhux ħaġ'oħra ħlief sempliċi kontrattuzzjoni, bla ma jassurġi biex ikun sagrament kif

tridu li jkun il-liġi lokali biex ikun veru żwieġ validu;

Illi t-teorija tal-"Lex loci actus", li hija adottata minn ħafna awtorevoli awturi u qrati, mhix konsona mal-liġi tagħna u mal-preponderanti ġurisprudenza lokali; u kwindi ma tistax tiġi akkolta;

Illi kwindi, la darba l-attur huwa domiċiljat f'dawn il-Gżejjer u kattoliku, kif ukoll kattolika hija l-konvenuta, il-kuntratt taż-żwieġ tiegħu magħmul ċivilment biss, kif jaqblu li sar il-partijiet, ma jistax ikollu validità skond il-liġi personali tiegħu, apparti l-fatt li lanqas ma huwa validu għall-konvenuta bħala kattolika, la darba dik il-Knisja tirrikonoxxi bejn kattoliċi — biex ma jingħadx dwar persuni oħra — iż-żwieġ reliġjuż biss;

Illi qabel ma taqta' dina l-kawża dina l-Qorti tordna l-korrezzjoni infraskritta, fis-sens li qabel l-isem ta' l-attur "Lewis" jiġu aġġunti l-kliem "Loreto, Raphael, Edward alias";

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, previja l-korrezzjoni msemmija, billi tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tastjeni ruħha milli tiddeċidi t-tieni talba, il-għaliex ġiet rinunzjata;

L-ispejjeż, minħabba fin-natura tal-kawża, jitħallsu kollha mill-attur.